# Qorti Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Att tal-Akkuza Nru. 4/2018

Ir-Repubbl ika Ta' Malta

Vs

Mayco Tulio Gutierrez Cachay

Illum 22 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Mayco Tulio Gutierrez Cachay, detentur tal-Passaport Peruvjan li jgib in-numru 118048311, fejn gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Luloju, 2018 u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.
2. Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort' ohra, jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Stuttorja tal-1 ta' Awwissu, 2018 fejn l-akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cachay ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Awwissu, 2018 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta'

Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-1 ta' Awwissu, 2018, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Mayco Tulio Gutierrez Cachay hati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Luloju, 2018 u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.
2. Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Kevin Pulis**, nhar l-4 ta' Settembru, 2018, fejn indika li fid-29 ta' Lulju, 2018, il-Pulizija irciviet informazzjoni kunfidenzjali li kien hemm individwu Mayco Tulio Gutierrez Cachay, ta' Nazzjonalita' Peruvjana li kien gej minn Dubai u li seta' kien qed igorr fuqu ammont ta' droga fuqu destinata ghas-suq Malti. Wara illi fit-30 ta' Lulju, 2017 gew zbarkati l-passiggieri minn fuq it-titjira in kwistjoni l-akkuzat gie mwaqqaf u minn tfittxijiet li saru fuq il-persuna tieghu u fil-bagalja li kien qieghed igorr ma rrizulta xejn ta' interess ghall-fini tal-investigazzjoni. Wara l-akkuzat ittiehed il-kwartieri generali tal-pulzija, fejn gie infurmat bid-drittijiet kollha tieghu tramite l-interpretu Imelda Fede u ta' l-kunsens tieghu sabiex isirlu x-ray minhabba foreign bodies li seta' kellu. F'dan l-istadju ittiehed Mater Dei, sarlu l-x-ray u minn dan l-x-ray irrizulta li Mayco Tulio Gutierrez Cachay kien ippakjat bil-foreign bodies. Wara li l-pulizija ghamlu madwar gurnata mal-akkuzat Mater Dei, huwa ghadda madwar kilo droga kokaina, li kienet maghmula minn diversi kapsoli li hu kien bela minn pajjizu. Sussegwentement l-akkuzat irrilaxxja stqarrja fejn kien ta spjegazzjoni ta' kif graw il-fatti, lil min kellem u spjega l-istorja kollha kif ukoll xi struzzjonijiet beda jircievi. L-ispettur Kevin Pulis ghamel ukoll referenza ghall-verbal tal-1 ta' Awwissu, 2018, fejn kien iddikjara li f'dan il-kaz l-akkuzat ghandu jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kap 101 b'zewg gradi.

Illi fl-4 ta' Settembru, 2018 xehed ukoll l-**Ispizjar Gilbert Mercieca** fejn esebixxa ir-relazzjoni tieghu rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, huwa identifika is-sustanza bhala droga kokaina, kien hemm piz totali ta' 975.1 grammi ta' valur estimat €47,779.90 u li l-persentagg medju ta' kokajina fil-materjal kien ta' 42.83%. Ir-relazzjoni msemmija giet mmarkata bhala dok GM.

Fis-seduta tal-4 ta' Settembru, 2018, gie esebit ukoll il-Procés-Verbal redatt mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea fl-20 ta' Awwissu, 2018, liema Procés-Verbal jikkontjeni wkoll ir-relazzjoni tal-espert tekniku Keith Cutajar li rrelata fir-rigward tal-mobile phone li nstab fil-pussess tal-akkuzat.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018, xehed ukoll **PS186 Christian Mintoff** li kien nominat mill-Magistrat inkwirenti bhala *'Scene of the Crime Officer'* fil-kors tal-inkjesta sabiex jiehu r-ritratti relatati mal-kaz odjern. Ir-relazzjoni tieghu giet mmarkata minn din il-Qorti bhala dok CM.

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018, xehdet **WPC363 Caroline Meilak** li kienet ukoll nominata mill-Magistrat Inkwirenti bhala *'Scene of the Crime Officer'* sabiex televa l-evidenza forensika f'dan il-kaz. Hija elevat hamsa u disghin (95) kapsola li gew imqassma fi 12 (tnax) il-evidence bags u sussegwentement mghoddija lill-Ispizjar Gilbert Mercieca. Ir-relazzjoni taghha giet mmarkata minn din il-Qorti bhala dok SOCO1.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati Mayco Tulio Gutierrrez Cachay li hija wahda netta bla ebda tegbha ta' kontraavenzjoni jew reat registrat fuqha .

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u l-akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cachay ai termini tal-Artikolu 392B(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentant fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018 fejn gie ddijarat li il-partijiet qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392B(5) tal-Kodici Kriminali, u talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita' illi jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cahcay ghall-imputazzjonijiiet dedotti fil-konfront tieghu, tenut kont tal-fattisepecie kollha tal-kaz u tal-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi nflitta fuqhu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' tmien (8) snin, flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000). Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra applikabbli ex lege in segwitu ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalukwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrent akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cachay, kif ukoll il-hlas ta' spejjez peritali jekk u/ jew kif applikabbli fil-konfront tieghu.

Il-partijiet informaw lil din il-Qorti illi fid-deliberazzjoni taghhom dwar il-piena fuq indikata, itteihdet kont tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli b'zewg gradi u dan bi qbil mal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Kevin Pulis.

Ikkunsidrat,

Rat illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cachay u cioe' dik imsemmija fin-nota konguntiva taghhom przentata fl-atti nhar is-6 ta' Novembru 2018

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward tal-akkuzat Mayco Tulio Gutierrez Cachay, fit-trattazzjoni taghhom il-partijeit talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament 'Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa[1]' kif ukoll 'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo[2]'.

Rat dak li stqarr l-Ispizjar Gilbert Mercieca meta esebixxa ir-relazzjoni tieghu (DOk GM) rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala droga kokaina, u li l- piz totali ta' 975.1 grammi ta' valur estimat €47,779.90 u li l-ersentagg medju ta' kokajina fil-materjal kien ta' 42.83%.

Rat dak li iddikjaraw il-partijiet u cioe li fid-deliberazzjoni taghhom dwar il-piena fuq indikata, itteihdet kont tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli b'zewg gradi u dan bi qbil mal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Kevin Pulis.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]"

---

[1] Deciza fit-28 ta' Jannar, 2010
[2] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002

"**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fis-6 ta' Novembru, 2018 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati Mayco Tulio Gutierrez Cachay ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' tmien snin priguneria, flimkien ma multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati ihallas s-somma ta' Hames mija u erba' u sittin Ewro u hamsin centezmu (€564.50), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu

[5] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur